# Fort Chambray

## *Tikteb in-Nutara Josepha Xuereb*

Inti u dieħel ġewwa l-port ta' l-Imġarr, għajnek mill-ewwel tmur fuq il-bini mibni fuq ix-xifer iħares fuq il-port. Dan il-bini ma huwa xejn milli Fort Chambray li għalkemm illum -il ġurnata tbiddel f'kumpless turistiku, ma nistgħux ninsew l-importanza u s-sinjifikat ta' dan il-bini.

Mibni fuq ix-xifer ta' "Ras it-Tafal" fis-sena 1749, Forti Chambray kien ġie ippjanat mill-Kavallieri sa mill-bidu tas-seklu tmintax, meta l-Kunsill ta' l-Ordni, iffaċjat b'għażla dwar jekk jibnix Fort Chambray jew Fort Manoel minħabba problemi finanzjarji, kien ipposponа l-bini tal-Forti u għażel illi jibni Fort Manoel fil-port ta' Marsamxett. Kien fis-sena 1749 li l-Bailli Jacques-Francois de Chambray ħa ħsieb li bena u ħallas għall-bini tal-Fort, bl-iskop ikun dak illi jipproteġi li l-Fort jipproteġi lill-Għawdxin mill-attakki minn fuq il-baħar tal-Korsari. Iżda sa nofs is-seklu 18, il-Korsari kienu naqqsu mill-qawwa tagħhom, peress li l-flotot Ingliżi u Franċiżi kienu



qegħdin iżidu fil-qawwa u fil-preżenza tagħhom fuq l-ibħra Mediterranji. Minħabba f'hekk, għalkemm il-bini kien komplut u armat b'mekkanarju sabiex jipproteġu l-baħar bejn Għawdex u Kemmuna, il-biża' ta' xi attakk kien naqas. Kellu jkun attakk ta' Napuljun fuq il-gżira Għawdxija fis-sena 1798 li ra l-Forti jintuża għall-iskop oriġinali li kien inbena. Wara li l-Għawdxin kienu daħlu fil-Forti b'ġidhom kollu sabiex jistkennu minn dan l-attakk, huma xorta ċedew għall-qawwiet Franċiżi, u l-Forti għadda f'idejn il-Franċiżi.

Iżda din is-setgħa Franċiża ma tantx damet fis-seħħ. Il-poplu Għawdxi ħadha kontra l-Franċiżi u dawn ta' l-aħħar spiċċaw ingħalqu u jistkennu ġol-Forti. Meta l-Franċiżi spiċċaw biex telqu, u daħlet f'Malta l-qawwa Ingliża, waħda mill-ewwel użi tal-Forti kien bħala ħabs.

Mat-tkomplija tal-ħakma Ingliża, il-Forti Chambray ma baqax jintuża bħala belt iffortifikata li kienet



tipproteġi lill-Gżira mill-qawwiet ta' l-għadu. L-iskop tal-Forti kien bħala barracks,u fil-fatt fis-sena 1870, madwar 500 persuni fil-militar daħlu joqogħdu fil-Forti peress li kienu ġew stazzjonati hemmhekk. Ir-rapporti bejn l-Ingliżi u l-Għawdxin kien wieħed tajjeb bir-rispett ikun mutwali.

Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija, il-popolazzjoni fil-Forti żdiedet ħafna, u l-ekwipaġġ ta' bċejjeċ tal-baħar li kienu jkunu fil-medda ta' baħar bejn Għawdex u Malta, kien joqgħod ġewwa l-Forti. Il-Forti kien qiegħed f'dan iż-żmien jintuża bħala sptar u post fejn il-feruti jiġu kkurati u mfejqa. Meta fl-1928 il-Forti ma baqgħetx tintuża bħala bażi Ingliża, hija kompliet tintuża bħala sptar (anke mentali), speċjalment fl-atti tat-Tieni Gwerra Dinjija meta l-Gżejjer tagħna kienu ġew attakkati b'mod serju ħafna.

Il-Forti baqa' jintuża għalhekk, sa' madwar is-sena 1956. Gvernijiet ta' wara dak iż-żmien ipproponaw li jibnu kumpless turistiku, li wara ġie imħassar, kif ukoll kien hemm pjan li jiġi rranġat l-isptar mentali. Dan il-pjan ġie reċis u mħassar wara li l-pazjenti ta' l-isptar ġew mehuda post ieħor.

Punt interessanti marbut ma' Forti Chambray huwa li ħafna jitkellmu fuq il-Forti bħala l-benniena tal-futbol Għawdxi. Fil-fatt, matul ir-renju Ingliż, dan l-isport kien beda jintlagħab mill-Ingliżi ġewwa l-Forti. Kienu ħafna sħabna l-Għajnselmiżi li kienu bdew imorru isegwu xi logħba ballun hemmhekk bejn l-Ingliżi. Dak iż-żmien il-futbol ma kienx jintlagħab Għawdex, għalhekk wieħed jista' jimmaġina l-faxxinu illi din il-logħba kienet toffrilhom. Ma tantx damu ma draw il-logħba, u l-futbol daħal fir-raħal tagħna. Meta spiċċa r-renju Ingliżi, l-Ingliżi telqu, iżda ħallew warajhom imħabba u passjoni kbira għal-logħba tal-ballun.

